**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Novembru 2015

Appell Nru: 546/2013

Il-Pulizja

Spettur Yvonne Farrugia

Vs

Mary Spalding

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Mary Spalding, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 27667M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-9 ta' Awwissu 2006, jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, irrendiet ruhha komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali; u

Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talbet, irceviet jew accettat xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghaliha nnifisha jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li tezercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Dicembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 42, 185 (2) u 121 (A) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Mary Spalding hatja biss tat-tieni akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannatha ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li lliberataha mit-tieni akkuza stante li ma kienitx ippruvata.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mary Spalding, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru, 2013, fejn talbet lil din il Qorti jogghobha:

a. in vista tad-difetti legali fis-sentenza, jogghobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara nulla u bla effett u sabiex l-esponenti ma tkunx ipprivata mid-*doppio esame* li l-atti ta' din il-kawza jkunu rimandati lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza mil-gdid, jew

b. jogghobha tvarja u timmodifika s-sentenza billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti ma gietx misjuba hatja u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti giet misjuba hatja u tilliberaha mil-piena jew

c. alternattivament u subordinatament, f'kaz illi s-sejbien ta' htija jkun ikkonfermat, tvarja s-sentenza billi l-piena nflitta tkun piena aktar miti u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanta kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq suspett li rrendiet ruhha komplici bhala intermedjarja fl-akkwist ta' licenza ta' sewqan, ossia zieda fil-kategorija fuq licenzja ta' sewqan u bhala konsegwenza komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz u accettazzjoni ta' offerta bl-ghan li tezercita xi influenza mhux xierqa. L-ezitu ta'dawn il-proceduri kienu pjuttost konflingenti meta l-Ewwel Qorti sabet lill-imputata hatja tat-tieni akkuza u fl-istess waqt illiberata mill-istess tieni akkuza meta ma semmiet xejn dwar l-ewwel akkuza. Dan, fil-fatt, jikkostitwixxi l-mertu tal-ewwel aggravju tal-imputata li naturalment ser ikun trattat *in primis*.

Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, tajjeb li jkun riprodott il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Settembru 2015 li jghid hekk: "*Il-partijiet jaqblu illi stante li l-artikoli citati fid-decide tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti jinkludu l-artikoli kollha tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellanti kif ukoll tal-artikoli kollha li minnhom tohrog il-piena tenut kont li fid-decide misjuba a fol 51 tal-atti processwali l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-istess waqt li lliberatha mit-tieni imputazzjoni sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni biss, il-partijiet jaqblu li dan iwassal li s-sentenza ma tistax titqies bhala wahda cara fit-tifsira u ghaldaqstant jaqblu li s-sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2013 ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett u ghalhekk jistiednu lill-Qorti sabiex l-atti jigu rimandati lill-Qorti tal-Magistrati sabiex l-appellanti ma tigix privata mid-doppio ezami. F'dawn ic-cirkostanzi d-difiza qed tirtira t-tieni aggravju*";

Illi ghalhekk l-aggravji tal-appellanti, li qabel kienu tlieta, issa huma tnejn, l-ewwel illi s-sentenza appellata hija nulla u it-tieni li fi kwalunkwe kaz il-piena erogata kienet wahda eccessiva;

Illi kwantu ghall-aggravju rigwardanti n-nullita tas-sentenza appellata, l-Qorti taghmilha cara illi minkejja l-fehma konkordi tad-difiza u l-Avukat Generali, hija biss l-Qorti li tista' tiddikjara sentenza nulla u bla effett u dan wara l-iskrutinju li l-

istess Qorti se tghaddi biex taghmel. Issa, kif gia senjalat *supra*, l-appellanti kienet akkuzata bi ksur ta' zewg disposizzjinijiet tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Dwar l-ewwel akkuza, igifieri dik ta' komplicita' fl-ghoti ta' dikjarazjonjijiet jew certifikati foloz ex artikolu 42 u 185 Kap 9, l-Ewwel Qorti qalet illi *"din l-akkuza ma gietx ippruvata b'mod ezawrjenti mill-prosekuzzjoni"*. Dwar it-tieni akkuza ex artikolu 121A (2) l-Qorti sabet htija izda fil-parti konklussiva tas-sentenza taghha l-Qorti qalet hekk: *"Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42, 185 (2) u 121 (A) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata Mary Spalding hatja biss tat-tieni akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta itikkundannaha ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberaha mit-tieni akkuza stante li ma kienitx ippruvat"*.

Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 jiddisponi illi fl-ghoti tas-sentenza l-Qorti ghandha, *inter alia*¸ tindika l-artikoli li taghhom ikun instab hati l-imputat u fuq skorta ta' sentenzi in rigward, n-nuqqas ta' tali formalita' ggib maghha n-nullita' tal-istess sentenza. Issa fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti indikat l-artikoli taz-zewg akkuzi u ghalhekk ma jistax jinghad illi naqset milli tindika l-artikoli tal-ligi li jikkontempla ir-reat li tieghu instabet hatja l-appellanta. Huwa minnu illi l-Ewwel Qorti filwaqt illi sabet htija fl-imputata fit-tieni akkuza fl-istess waqt illeberata tat-tieni akkuza izda meta tifli l-parti dispositTiva tas-sentenza jemergi zball fis-sens illi fl-ahhar linja l-Qorti qalet li tilliberah mit-tieni akkuza minflok ma qalet tilliberah mill-ewwel akkuza. Ezaminata s-sentenza fl-intier taghha, l-ewwel Qorti kienet gia ghamlitha cara illi mhix qed issib htija fl-imputata fl-ewwel akkuza u ghamlita daqstant cara ukoll li kienet qed issib htija fuq it-tieni akkuza. Ghalhekk il-kliem "filwaqt li tilliberah mit-tieni akkuza stante li ma gietx pruvata" jista' jitqies bhala *lapsus calami* u ghad illi kien jokkorri aktar attenzjoni mill-Ewwel Qorti biex ikun evitat zball bhal dan, dan wahdu ma jgib ebda nullita' fis-sentenza appellata.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanta qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun dikjarata bhala valida ghall-kull fini u effetti fil-ligi.

Tirrizerva illi tipprovdi dwar l-appell fuq il-mertu wara li tisma lill-partijiet fis-seduta li jmiss.